A.L. 132 ta' l-1994

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' Eżenzjoni ta' l-1994 dwar *Bearer Debenture Stock*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi ordna li kull imgħax imħallas fuq, jew li jitħallas lid-detenturi ta', kull ħruġ ta' *Bearer Debenture Stock* li jinsab elenkat hawn iktar 'il quddiem għandu, b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994, ikun eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*:—

1. Ħruġ ta' Lm1,200,000 3% *Stock* Lokali ta' Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur għall-Iżvilupp 1995 (il-Ħames Ħruġ) kif avżat fl-Avviż Legali 193 ta' l-1990 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,358 tad-19 ta' Novembru, 1990.

2. Ħruġ ta' Lm2,000,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur 1996 kif avżat fl-Avviż Legali 33 ta' l-1991 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,409 tat-22 ta' Marzu, 1991.

3. Ħruġ ta' Lm2,000,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur 1996 (It-Tieni Ħruġ) kif avżat fl-Avviż Legali 49 ta' l-1991 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,420 tat-23 ta' April, 1991.

4. Ħruġ ta' Lm500,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur 1996 (It-Tielet Ħruġ) kif avżat fl-Avviż Legali 81 ta' l-1991 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,436 tat-28 ta' Mejju, 1991.

5. Ħruġ ta' Lm500,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur 1996 (Ir-Raba' Ħruġ) kif avżat fl-Avviż Legali 121 ta' l-1991 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,459 tat-30 ta' Lulju, 1991.

6. Ħruġ ta' Lm1,000,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur 1996 (Il-Ħames Ħruġ) kif avżat fl-Avviż Legali 133 ta' l-1991 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,479 tat-3 ta' Settembru, 1991.

7. Ħruġ ta' Lm1,000,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-Portatur 1996 (Is-Sitt Ħruġ) kif avżat fl-Avviż Legali 149 ta' l-1991 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,489 ta' l-1 ta' Ottubru, 1991.